MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Numru. 692/2003

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)
vs
Hadir Labyad

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Hadir Labyad, maghruf ukoll bhala Hadi Mohammed Snussi, li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-16 ta' Awissu 2003 u is-17 ta' Awissu 2003 fi Triq ix-Xatt, Gzira;

a) Attakka jew ghamel rezistenza u vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PS 245 Keith Arnaud, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr Grixti MD tac-centru tas-Sahha tal-Gzira fuq il-persuna ta' PS 245 Keith Arnaud, kif ukoll injurja lill-Ispettur Stephen J Gatt persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzagghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg PS 245 Keith Arnaud, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix ghaxar liri Maltin u dan ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

d) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa kif iccertifika Dr Patrick Farrugia MD ta' l-isptar San Luqa fuq il-persuna ta' Francesca Chappelle mill-Gzira;

e) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

f) Talli f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, fl-istess jum u cirkostanzi ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

g) Talli f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, fl-istess jum u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallix jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix li haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;

h) Talli f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, fl-istess jum u cirkostanzi, irrifjuta jaghti, jew ta' falz, lil Ufficjal Pubbliku, jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra;

i) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni illi dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u dana waqt is-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2003.

Semghet lill-imputat debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu l-Qorti tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 221(1), 338 (m), 338 (bb), 342, 338(dd), 338 (ee), 338 (g), 94, 96, 325 (1) (b), u 17 tal-Kap. 9.  Il-Qorti tiddikjara ghall-fini ta’ piena illi minkejja l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta huwa kien aggressiv ferm mal-pulizija, kif ukoll mat-tabib illi pprova idewwih, ta diversi ismijiet differenti meta mistoqsi x’kien jismu u ghadu sal-gunata tal-lum ma ikkonsenjax il-passaport tieghu lill-pulizija peress illi qieghed issostni li l-passaport huwa mitluf, meta skond l-istess tfajla tieghu Francesca Chappelle dan mhuwiex minnu.  Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija u wara li l-Qorti rat l-Artikoli imsmmija aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat il-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-imputat hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu tiddikjara illi piena karcerarja hija idoneja f’dan il-kaz u tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta’ tnax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------